Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 2 – It-Tlieta 12 ta' Mejju 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fil-5:30 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

2.0 Gew ikkonfermati l-minuti tal-laqgha ta' qabel.

## 3.0 Korrispondenza u kommunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal kuntatt li kellu mingħand żewġ barranin mis-South Africa u jgħixu f'Għajnsielem u kellhom xogħol f'yacht marina f'pajjiżhom. Xogħolhom kien li jilqgħu lil yachts u jagħtuhom introduzzjoni fuq il-post. Huma esprimew ix-xewqa li jagħmlu xi ħaġa ta' din it-tip voluntarjament fil-Marina tax-Xatt. Sar qbil li għandna nikkuntajaw lis-Sur Tony Xuereb rigward din il-proposta għalkemm il-Kunsill għandu d-dubju tiegħu jekk il-Gozo Yacht Club għadhux jopera.

3.2 Is-Sindku rrefera għall-Eco-Gozo Ultra Marathom li nbdiet u għalqet f'Għajnsielem li għaliha huwa kien preżenti għal ftuħ tagħha u għal Premjazzjoni kien preżenti l-Viċi Sindku. Huwa semma' li l-attivita' sirna nafu biha jumejn qabel peress li s-soltu tinżamm in-Nadur u minħabba li għaddejjin xi xogħolijiet din id-darba għażlu l-lokal t'Għajnsielem. Is-Sindku esprima s-sodisfazzjon tiegħu għas-suċċess li kisbet attivita' ta' dan it-tip.

3.3 Is-Sindku rrefera għal quddiesa ta' radd il-ħajr organizzata mill-Kunsill u rringrazzja lill-kunsilliera tal-attendenza. Huwa għamel referenza għaż-żjara li l-Kunsill għamel fiċ-Ċimiterju fejn poġġa bukkett fjuri fuq il-qabar ta' eks-kunsillier u esprima s-sodisfazzjoni tiegħu għal dan il-ġest nobbli minn naħa tal-Kunsill.

3.4 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarja kellu mal-ħaddiema tal-id tal-Kunsill. Huwa semma' li ser tiġi provduta lilhom skeda ta' xogħolijiet u nipprovaw nikkontrollawhom ftit aktar. Huwa semmilhom li l-Kunsill lest li joffrilhom korsijiet anke ta' Health and Safety jew xi skills oħra biex huma jkabbru l-kapaċitajiet tagħhom.

3.5 Is-Sindku rrefera għal miġja ta' studenti minn Tolfa f'Għawdex u għaż-żjara li għamlu lill-uffiċini tal-Kunsill. Preżenti għal din iż-żjara kien hawn ukoll is-Sindku ta' Tolfa. Huwa semma li ngħatat lilhom informazzjoni dwar il-lokal u back-pack informattiv b'xi snacks.

3.6 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarja kellhom mas-Sindku ta' Tolfa fejn matul il-laqgħa ġew diskussi attivitajiet kemm f'Għajnsielem kif ukoll f'Tolfa fosthom Tolfarte, il-miġja tagħhom fi żmien il-festa u l-kors tal-Ingliż għar-rebbieħa tal-grupp Olimpiadi del Mondo. Għal dan il-kors ser jiġu sitt żgħażagħ għal-ġimgħa fejn il-Kunsill iħallsilhom il-kors u l-ispejjes l-oħra jitħallsu mill-kollegi ta' Tolfa. Is-Sindku semma' li l-Kunsill irid iħallas l-akkomodazzjoni wkoll ta' grupp ta' madwar 30 persuna li jiġu għall-okkazzjoni tal-festa t'Ghajnsielem imbagħad minn naħa l-oħra l-Comune ta' Tolfa lesti li jħallsu l-akkomodazzjoni ta' delegazzjoni /grupp li jmorru Tolfa għall-okkazzjoni ta' Tolfarte. Il-kunsill qabel li għandu jistħarreġ għall-akkomodazzjoni f'appartamenti f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss għandu jiddiskuti l-attivita' Tolfarte li ser tinżamm f'Tolfa bejn is 7 u d-9 t'Awissu u fejn ghaliha l-Kunsill huwa mistieden flimkien ma' delegazzjoni ta' nies u artisti. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna l-eżitu tal-applikazzjoni li l-Kunsill ta' Tolfa għamel mal-Unjoni Ewropea biex inkun f'pożizzjoni li niddeterminaw in-numru ta' persuni li jistgħu jmorru għal Tolfarte.

3.7 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand Għajnsielem Football Club fejn irringrazzjaw lil Kunsill tal-għajnuna tagħhom u talbu jekk il-Kusill jistax jgħin fil-proġett tal-embellishment tal-entratura tal-ground f'dik li tikkonsisti rixtellu u rranġar tad-daħla. Il-Kunsill fisser kif lill-Għajnsielem FC diġa għenu ħafna anke permezz tal-iffirmar tal-Proġett tal-floodlights taħt l-iskema Public Private Partnership. Il-Kunsill qabel li sadanittant għandu jitlob il-pjanti ta' dan l-embellishment u jara jekk jistax ikun ta' xi għajnuna. Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill irid ikun ċert li jekk ser jghin f'xi xogħolijiet ikunu f'proprjeta pubblika.

3.8 Giet trattata l-ittra mingħand il-JP2 Foundation rigward kunċert li ser jittellgħa fil-Knisja ta' Sant'Antnin u dwar is-sehem tal-Kunsill fl-ispiża tal-organizazzjoni

ta' dan il-kunċert. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora f'din l-attivita' billi jħallas l-ispejjes tal-inviti li jammontaw ghal 300 euro.

## 4.0 Għażla tal-offerti

4.1 Is-Segretarja semmiet li għal-Quotation tal-Canopy intefgħu żewg offerti mingħand:

- George Grech - €7440
- Paul Zammit - €4825.50

4.2 Peress li t-tnejn li huma qabżu l-ammont stipulat għal Quotation il-Kunsill qabel li għandu jinnegozja maż-żewġ bidders jekk humiex lesti li jagħmlu ix-xogħol b'inqas minn l-ammont stipulat għal quotation, jiġifieri b'inqas minn €4666.

4.3 Għall offerta tal-Cleaner ta' l-Uffiċju ntefgħet offerta waħda biss mingħand Loreta Azzopardi għal prezz ta' 7 euro kull siegħa. Il-Kunsill approva din l-istima.

4.4 Bħall-Offerta ta' Accountant għal Kunsill intefgħu żewġ offerti, mingħand

- Parker Randall Turner -€ 2124
- 3A Malta - €2580

4.5 Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntatja lill-kumpanija Parker Randall Turner peress li hija għandha l-orħos offerta u jistħarreġ jekk is-servizz offrut fl-uffiċju hux ser isir minn Accountant kwalifikat peress li l-kumpanija hija stazzjonata f'Malta u mhux f'Għawdex.

4.6 Għal kuntratt tal-ġbir tal-iskart intefgħu żewġ offerti, mingħand:-

- Koperattiva Indafa Pubblika
- Mr Sharlon Mercieca

4.7 Il-Kunsill qabel li għal din l-offerta għandu jaħtar Bord li jevalwa l-offerti mitfugħa. Sar qbil li l-Bord għandu jkun kompost mill-avukat Joshua Grech, min-Nutara Josette Spiteri u mis-Sur Philip Mifsud. Bħala Segretarja tal-Bord għandha tkun is-Segretarja tal-Kunsill. Sar qbil li l-Bord għandu jiltaqa' kemm jista jkun malajr sabiex jipprepara r-rapport tiegħu.

5.0 Il-proġett tal-Pjazza tad-Dehra

5.1 Is-Sindku rrefera għal laqgha li kellu flimkien mal-Perit u mal-kuntratturi tal-proġett. Ir-rittmu tax-xogħol huwa miexi għalkemm mhux daqskemm mixtieq. Huwa semma' li d-deadline tal-proġett hija l-aħħar ta' Lulju u għalhekk l-inawgurazzjoni tal-proġett għandha ssir f'Awissu.

6.0 Ix-Xatt l-Aħmar - immarkar ta' swimming zone u aspetti oħra

6.1 Saret referenza għall-htiega urġenti li t-Triq tax-Xatt l-Aħmar ssirilha manutenzjoni peress li fiha ħsarat estensivi li huma ta' periklu kbir għas-sewwieqa. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lil Ministeru għal Għawdex sabiex jiltaqa' miegħu u nilħqu kompromess kif din tista tissewwa.

6.2 Sar qbil ukoll li fix-Xatt l-Aħmar għandhom isiru żewġ bollards biex il-karozzi ma jibqgħux deħlin fuq ir-ramel.

6.3 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal-passaġġ tal-ħadid u għal fatt li qed jaqdi l-funzjoni tiegħu tajjeb ħafna. Huwa propona li jkun utli ħafna li dan jiġi estiż b'żewġ metri fuq kull naħa. Il-Kunsill qabel ma' dan.

6.4 Saret referenza għat-talba tal-laqgħa li saret ma' Transport Malta rigward is-swimming zone u li tagħha għad ma' għandniex risposta. Sar qbil li għandha tintbgħat reminder.

6.5 Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel tabella nformattiva li tkun tindika n-No Camping Zone u l-iSwimming Zone, li BBQs ma jistgħux isiru fuq il-ġebel u nformazzjoni oħra.

6.6 Sar qbil li għandna nitolbu sabiex jitpoġġew aktar bins fil-bajja.

6.7 Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntatja lil Perit Shawn Micallef sabiex jittieħed fuq il-post u jiġu spjegati lilu l-problemi li hemm u kif dawn jistgħu jiġu solvuti.

7.0 Tqassim ta' responsabilitajiet lill-Kunsilliera

7.1 Is-Sindku spjega kif f'kull bidu ta' legislatura jsiru t-tqassim tar-responsabilitajiet lill-kunsilliera u kif dan ma jfissirx li wieħed ikun responsabbli mir-responsabilita' assenjata lilu biss iżda naħdmu lkoll flimkien globalment. Huwa semma' li qagħad jistudja l-kapaċitajiet li joffri kull wieħed u waħda minnha u għalhekk ħaseb li r-responsabilitajiet għal din il-leġiżlatura jkunu mqassmin kif ġej:-

7.2 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi jkun responsabbli minn:-

- Public Relations
- Affarijiet Rurali u Ambjent
- Assistenza fi Proġetti tal-Unjoni Ewropea
- Wirt Storiku u Kultura
- Pubblikazzjonijiet u Website tal-Kunsill

7.3 Il-kunsilliera Kareen Xuereb tkun responsabbli minn:-

- Women empowerment
- Attivitajiet ghall-familja
- Skola tal-komunita', librerija u edukazzjoni
- Turizmu u nformazzjoni

7.4 Il-kunsillier Larry Buttigieg ikunu responsabbli minn:-

- Xtut u bajjiet pubblici
- Trasport Pubbliku
- Żgħażagħ u Sports
- Saħħa
- Traffic Management

7.5 Il-kunsillier Peter Caruana jkun responsabbli minn:-

- Attivitajiet ghall-anzjani u edukazzjoni
- Sports
- Ġonna Pubblici u Soft Areas

7.6 Is-Sindku Franco Ciangura jkun responsabbli minn:-

- Attivitajiet Kulturali
- Proġetti Kapitali
- Ġemellaġġi
- Proġetti tal-Unjoni Ewropea
- NGO's

7.7 Il-kunsilliera laqgħu tajjeb dawn il-proposti. Is-Sindku wegħdom li għandhom jaħdmu tajjeb ħafna lkoll flimkien u li mportanti li naħdmu id f'id.

## 8.0 Laqgħa mal-MTA rigward Kemuna

8.1 Sar qbil li għandha tinżamm laqgha kemm jista' jkun malajr mal-MTA sabiex jigu diskussi xi issues dwar Kemuna.

## 9.0 Harġa għall-anzjani

9.1 Wara s-suċċess miksub u d-domanda kbira li l-Kunsill qed ikollu biex jorganizza ħarġiet għall-anzjani, il-Kunsill qabel li għandu jerġa jorganizza ħarġa oħra f'Ġunju. Sar qbil li l-ħarġa tinżamm f'nofs Ġunju qabel ma tibda s-sħana tas-sajf.

9.2 Sar qbil ukoll li l-Kunsill għandu jorganizza ħarġa għal Malta fl-okkażżjoni tal-Imnarja. Sar qbil li l-ħarġa għandha tigi organizzata nhar il-Hadd 28 ta' Ġunju

fejn tkun tinkludi fi żjara fl-Imdina u wara jgawdu serata tal-Imnarja Tradizzjonali fil-Buskett.

10.01 Laqgħat mal-Għaqdiet kollha tal-lokal

10.1 Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-għaqdiet kollha tal-lokal individwalment billi l-Kunsill imur iżurhom biex magħhom jiddiskuti xi materji u problemi li jiffaċċjaw u dwar il-possibilitajiet kif il-Kunsill jista' jkun ta' għajnuna.

11.0 L-iskips tal-Gudja

11.1 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal din il-problema kbira li teżisti maġenb il-Bring-in-sites tal-inħawi magħrufa tal-Gudja peress li madwarhom qed jispiċċa dumping site. Huwa propona li l-unika soluzzjoni li tidher hija dik li ssir camera biex jiġu ddentifikati dawk li qed jabbużaw. Il-Kunsill qabel li għandu jiġbor stima ta' sistema ta' CCTV solari b'wide angle. Il-Viċi Sindku propona wkoll li l-playing field tal-Gudja għandha tiġi rranġata ftit u tiżdidilha ftit ħdura. Huwa propona wkoll li għandhom jiġu organizzati attivitajiet f'dawn l-inħawi sabiex in-nies ta' dik l-area jintegraw ruħhom aktar għax iħossuhom xi ftit maqtgħuhin mill-kumplament tal-komunita'.

11.2 Is-Sindku hawnhekk propona l-possibilita' li dan il-playing field jiġi trasformat f'open gym. Il-Kunsill qabel li għandu jiffoka aktar fuq dawn il-proġetti fil-futur qarib.

12.0 Yacht Marina f'Għajnsielem

12.1 Is-Sindku rrefera ghall-aħbar li ħarġet fil-media lokali li f'Għajnsielem hemm proposti yacht marina. Bħala Kunsill bgħat email b'urġenza lil Prim Ministru fejn urieh ix-xewqa li jkun parti mill-mejda tad-diskussjoni kemm il-darba hemm xi proġett propost f'Għajnsielem. Is-Sindku semma' li huwa gie avvicinat b'telefonata mill-Ufficju tal-Prim Ministru u weghduh li ser jikkuntatjawh dwar l-eżidu ta' din it-talba fil-jiem li ġejjin. Il-Kunsill qabel li ghandu jistenna l-outcome ta' din it-talba.

13.0 Kwistjoni mal-Vodafone

13.1 Rigward il-kwistjoni tal-Vodafone dwar it-talba tal-kuntratt tal-mobile, is-Sindku semma' li ġie avvicinat mill-eks Segretarja Ezekuttiva Amanda Abela u wriet il-preokkupazzjoni taghha rigward kontijiet pendenti li hemm fuq isimha u kif din is-sitwazzjoni tista tigi solvuta. Is-Segretarja Eżekuttiva Lucienne Haber proponiet li l-Kunsill għandu jipprova jagħlaq din is-sitwazzjoni billi jiddiskutiha mal-avukat u jista jiġi propost li l-Kunsill joħroġ bil-proposta li sas-7 ta' Jannar 2015 meta l-Kunsill kien għadu juża din il-linja, għandu jħallas il-kontijiet pero minn dakinhar 'l hawn jikkontestahom mal-Vodafone peress li huma qatghu l-linja u ghalhekk il-kontijiet kienu qed joħorġu għal servizz li mhux provdut u wkoll ikkontestat b'korrispondenza legali. Tqajjmet il-kwistjoni wkoll li l-

Vodafone ilhom jiġu mitluba l-kuntratt minn Settembru 2014 biex dan jitwaqqaf u huma minn naħa tagħhom baqgħu qatt ma provdewh. F'dan il-kaz il-Kunsill kien qed irregistrat f'kuntratt li suppost jiskadi f'Settembru peress li beda fl-1 t'Ottubru 2012 u baqa' taħt tariffi għoljin li ma kellux pjaċir bihom.

13.2 Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju għandu jitlob laqgħa mal-Avukat biex niddeciedu kif ser nipproċedu fuq dan il-każ.

14.0 Korsijiet edukattivi għas-sajf

14.1 Is-Sindku semma' li issa li ġej is-sajf tajjeb li jiġu organizzati xi korsijiet edukattivi għat-tfal. Huwa talab lil kunsilliera sabiex jiġu b'xi ideat ta' korsijiet.

14.2 Huwa rrefera għal fatt li permezz ta' kors ta' mosaic works il-Kunsill jista' eventwalment jiksi t-taraġ tal-Għajn tal-Hasselin bix-xogħolijiet li jitwettqu f'dan il-proġett. Sar qbil li għandha tiġi kkuntatjata s-Sinjura Mary Portelli biex ittellgħa dan il-kors.

14.3 Sar qbil ukoll li għandna ntellgħu kors tat-tisjir. Sar qbil li għandu jiġi kkuntatjat is-Sur George Borg biex itellgħa dan il-kors.

15.0 Il-banner ta' Mgarr Heights

15.1 Il-kunsilliera Kareen Xuereb irreferiet għal banner kbir li twaħħal fis-sit ta' Mgarr Heights li jindika n-numru tal-mobile tal-investituri. Hija semmiet li dan huwa Illegali u huwa ta' eyesore għal kull min jasal fil-port tal-Imgarr u l-ewwel ma jilqgħu huwa dan il-banner gigantesk. Il-Kunsill fil-fatt waslitlu kopja tal-Enforcement Notice li ntbaghtet lis-sidien mill-MEPA. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lil MEPA u jikkundanna dan il-ksur ta' kontroll.

16.0 Il-Monti f'Għajnsielem

16.1 Saret referenza għall-Expression of Interest li ħarġet fuq il-gazetta tal-gvern rigward dawk interessati biex ikollhom stall fil-Monti t'Għajnsielem. Is-Sindku semma' li ma tantx kien hawn konkorrenza. Jista' jagħti l-fatt li ma kienux jafu biha u wkoll li peress li qed nipproponu l-ġurnata tal-Hadd hija problema għal vendituri Maltin. Il-Kunsill qabel li f'dan il-każ jista' jagħżel il-ġurnata tas-Sibt. Saret diskussjoni dwar l-istalls u kif ser issir il-kera tagħhom u wkoll fejn ser jinżammu minħabba problema ta' spazju.

16.2 Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju għandu jitlob gwida lid-Dipartiment konċernat dwar kif ser jipproċedi u nerġgħu niddiskutu din il-materja aktar il-quddiem.

17.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

17.1 Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

18.0 Materji oħra

18.1 Il-Kunsillier Larry Buttigieg rrefera għal tifel minn Għajnsielem, Albert-Lauren Agius fejn rrapreżenta lil Malta f'Sanremo Junior. Huwa semma' li dan huwa unur kbir għal raħalna u għalhekk il-Kunsill għandu jiffinanzjalu parti mill-ispejjeż biex għamel ir-rapprezentazzjoni tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntatja lill-ġenituri tiegħu sabiex janalizza l-ispejjes u wara jiddeċiedi x'persentaġġ ser jiffinanzjalu mill-ispejjes tiegħu.

18.2 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera wkoll għall-iffirmar tal-kuntratt tal-Public Private Partnership li sar ma' Għajnsielem Football Club quddiem nutara. Il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu magħhom u matul il-laqgħa jiġi preżentat lilhom ic-cheque ta' €12,500 kif hemm indikat fil-ftehim.

18.3 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi esprima x-xewqa tiegħu li bħala kunsilliera huwa mportanti li jkunu nfurmati b'kull attivita' li tiġri bħalma kienu tal-maratona u tal-miġja tal-istudenti taljani fl-uffiċju tal-Kunsill. Is-Sindku semma' li dawn l-attivitajiet kienu short-notice ħafna iżda ser tittieħed nota ta' dan. Il-Viċi Sindku propona li għandha tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lill-organizzatur tal-maratona u nagħtuh is-sapport biex jerġgħu jorganizzaw din il-maratona minn Għajnsielem.

18.4 Giet trattata talba mis-Sur Anthony Grech ta' Triq Gleneagles biex titbaxxa bankina minħabba li trid tintuza għal wheelchair. Il-Kunsill qabel li għandna nirranġawha bil-ħaddiema tal-Kunsill.

18.5 Ġiet trattata t-talba mingħand is-Sinjura Mary Borg fejn talbet sabiex isir reserved parking quddiem ir-residenza tagħha. Sar qbil li għandha tiġi kkuntatjata u naraw jekk tinħtieġx reserved parking for disabled u nipproċedu dwarha.

18.6 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand is-Sur Simon Zammit ta' Triq Hamri fejn talab sabiex jinżebagħ jew jinbidel bracket ta' lampa li hija mwaħħla mar-residenza tiegħu peress li huwa mimli sadid. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi din it-talba.

18.7 Il-kunsilliera Kareen Xuereb irreferiet għal talba ta' ħtiega ta' double yellow lines quddiem ir-Restaurant Ta' Tona fl-Imgarr. Din it-talba diga kienet tressqt quddiem Transport Malta u sar qbil li ghandha tintbghat reminder.

18.8 Il-Kunsillier Pietru Caruana talab sabiex issir talba biex jitneħħa double-yellow line li hemm fi Triq Fuq il-Għajn li ma għadx fadal użu tiegħu.

18.9 Sar qbil li rigward it-talba li ressqet is-Sinjura Ġizwalda Buttigieg għanda ssir talba sabiex jiġi riservat lilha wheelchair space quddiem il-bieb tad-dar tagħha.

18.10 Is-Sindku talab sabiex niċċekkjaw fiex wasal l-aħħar bicca railing li fadal issir fil-Belveder. Il-Kunsillier Peter Caruana rrimarka li jinħtieġ li jsir fanal ieħor fil-Belveder u nkomplu nimbuttaw sabiex il-Belveder jinxtegħel kemm jista jkun malajr. Il-Kunsill qabel li għandu jordna fanal ieħor.

18.11 Il-kunsilliera Kareen Xuereb ġibdet l-attenzjoni li l-bins tal-Belveder ta' quddiem il-Grand Hotel qed ikunu dejjem mimlijin. Sar qbil li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-awtorita' kompetenti biex dawn jitbattlu aktar ta' spiss.

18.12 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal bosta lmenti li qed ikun hawn mir-residenti għal mod ta' kif qed isir il-ġbir tal-iskart. Qed jinqabżu xi residenzi u qed ikun hawn ħafna tgergir. Qed ikun hawn ukoll ħafna skart mhux awtorizzat ħdejn il-Bring-in-Sites. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi assigurat li s-CCTVs ikunu qed jaħdmu u li għandna niġbru stima ta' solar CCTV għal Bring-in-Sites tal-Gudja. Is-Sindku propona biex nibdew naħsbu fuq kampanja ta' tindif fil-lokal. Issemmew fost oħrajn proposti ta' hooks għal boroz tal-iskart, tabelli, stickers għas-sidien tal-flattijiet, CCTVs ecc. Sar qbil ukoll li ninvolvu l-iskola primarja u l-iskola tal-Arti f'din il-kampanja fejn jghinuna noħolqu Mascot u slogan għal din il-kampanja. Sar qbil li għandna nerġgħu niddiskutu din il-materja fid-dettal fil-laqgħa li jmiss.

18.13 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-ħmieġ tal-klieb li qed ikun hawn fit-toroq u fl-open spaces u ssuġerixxa li jinxtraw dog-litter bins possibilment bil-boroż magħhom. Sar qbil li għandna niġbru xi stimi ta' dawn il-bins.

18.14 Ġiet trattata l-istedina għal-laqgħa mil-MEUSAC rigward proposti fis-settur turistiku. Is-Sindku semma' li huwa ser jattendi għal din il-laqgħa u niddiskutu din il-materja wara l-laqgħa.

18.15 Il-Kunsilier Larry Buttigieg propona li fl-okkażżjoni tal-Funwalk b'risq il-fondi għal Puttinucares, jingabru €5 minn kull kunsillier u staff u jinġab T-shirt tal-okkażżjoni li jitpoġġa fi frame. Il-Kunsill qabel ma' dan il-ġest nobbli.

18.16 Il-kunsillier Peter Caruana talab sabiex double-yellow lines fi Triq il-Ghajn jitnehhew peress li ma ghadhomx ta' uzu.

Il-laqgħa ntemmet fl-10:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura** **Lucienne Haber**

**Sindku** **Segretarju Ezekuttiv**